MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 1840/2005/1

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' Richard's Printing Press Limited kif ukoll l-istess Richard's Printing Press Limited**

**vs**

**Jet Services Limited f'isimha *proprio* kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Fallow International Freight Limited.**

**Il-Qorti,**

Fit-29 ta' Settembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob illi l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati sabiex ihallsuha s-somma ta' elf,

tlett mija u sebgha u erbghin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm1,347.14) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni u spejjes inkorsi mill-atturi in konnessjoni ma merkanzija *printing press* importata f'Malta mill-Ingilterra f'Novembru tal-2004. Bl-ispejjes u l-imghax kontra l-istess konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi (i) preliminarjament, il-konvenuti qedin jecepixxu l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal stante li dan m'ghandux gurisdizzjoni a bazi ta' l-Artikolu 741 (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) illi kif taf tajjeb il-kumpanija attrici l-merkanzija in kwistjoni kienet wahda uzata *(second hand*) u jinkombi fuq l-istess kumpanija li tipprova li din kienet funzjonabbli qabel l-istess merkanzija giet Malta, ghalhekk prova ta' spezzjoni antecedenti hija necessarja; (iii) illi inoltre, il-kumpanija attrici taf li l-imsemmija merkanzija ma gietx ippakkjata izda din sempliciment giet impoggija fuq il-vapur – ghalhekk l-istess kumpanija attrici taf li l-merkanzija kienet miftuha minghajr ebda protezzjoni kif normalment isir; (iv) illi l-kumpanija attrici ma gabet l-ebda prova dwar il-hsarat li gew ikkawzati u dwar il-valur ta' hsarat. Issir referenza ghall-fatt li l-istess kumpanija attrici bidlet it-talba taghha tlett darbiet (Lm1,211 fl-ittra datata 11/05/03; Lm1,261 fl-ittra datata 23/09/05; u Lm1,347 fl-Avviz); (v) illi l-konvenuti wettqu l-inkarigu taghhom skond is-sengha u l-arti u skond l-istruzzjonijiet moghtija mill-atturi; (vi) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kumpanija konvenuta xorta m'hijiex il-legittima kontradittrici. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-atturi ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tas-socjeta' konvenuta Jet Services Limited.

Ra r-rikors tas-socjeta' attrici datat 17 ta' Marzu 2006.

Ra s-sentenza in parte moghtija minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut fit-3 ta' April 2006, fejn l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta giet michuda.

Sema' x-xhieda ta' Jean Portelli prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Richard Hall prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Arthur Tua prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Olvin Galea prodott mis-socjeta' konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna talba ghall-hlas ta' elf, tlett mija u sebgha u erbghin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm1,347.14), u cioe ammont li s-socjeta' attrici hallset lill-assikurata taghha ghad-danni minnha sofferti meta din ta' l-ahhar importat merkanzija mill-Ingilterra, liema merkanzija waslet Malta bil-hsara. Peress illi s-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha, l-istess socjeta' attrici qed titlob il-hlas lura minghand il-konvenuti li kienu nkarigati sabiex jimportaw tali merkanzija.

Illi kif dejjem irid isir f’dawn it-tip ta’ kazijiet, ghandu jigi stabilit fejn u f’liema stadju tal-process tal-garr tkun saret il-hsara, sabiex b’hekk wiehed jista’ jasal biex jiddeciedi min hu responsabbli ghall-istess.

Illi skond il-provi prodotti mis-socjeta’ attrici, l-kumpanija Richard’s Printing Press Limited, li kienet assigurata mal-istess socjeta’ attrici, kienet importat zewg magni, u partikolarment giljottina u *colour printing machine*. Dawn iz-zewg magni ma kienux godda izda kienu *second hand* u gew importati mill-Ingilterra.

Illi l-magni wasslu Malta f’Novembru tas-sena 2004 u meta wasslu gie kkostatat li wahda minnhom, u cioe l-*printing machine*, kellha l-hsara. Fil-fatt mis-*survey report* imhejji mill-Inginier Arthur Tua jirrizulta li dawn il-hsarat graw b’rizultat ta’ diversi daqqiet fil-magna kompatibbli ma daqqiet li saru permezz ta’ *fork lifter*. Huwa kkonferma wkoll illi l-istess daqqiet kienu l-kagun dirett tal-fatt li l-magna ma kenitx qed tahdem. Meta xehed l-istess Arthur Tua, huwa baqa dejjem jikkonferma illi l-hsarat graw minhabba daqqiet li l-magna qalat minn *fork lifter*, u ta l-ispjegazzjoni teknika tieghu ghalfejn kien qieghed isostni hekk. Di piu, fil-kontro ezami li sarlu, l-Inginier eskluda li l-magna seta’ gralha l-hsara ghaliex intlaqtet minn merkanzija ohra waqt il-vjagg fuq il-vapur. Skond l-Inginier Tua, apparti d-daqqiet fil-magna li deheru li kienu godda u mhux antiki, l-magna kienet fi stat tajjeb hafna ta’ manutenzjoni.

Illi ghalhekk is-socjeta’ attrici deherilha li dawn kienu hsarat li kienu koperti mill-polza ta’ assikurazzjoni u pprocedew sabiex ihallsu lill-assikurata taghhom d-danni li din kienet soffriet. In sostenn tal-hlas ta’ l-ammont ta’ danni reklamati, s-socjeta’ attrici gabet il-provi dokumentarji kollha necessarja.

Illi b'kollox l-ammont li qed titlob is-socjeta' attrici jikkonsisti fl-ammont ta' Lm86.14 bhala *survey fees*, Lm1,211 danni mhallsa ghat-tiswija tal-magna in kwistjoni, u Lm50 bhala *excess*.

Skond Richard Hall li huwa direttur tas-socjeta' importatrici Richard Printing Press Limited, huwa stess kien mar jara l-magni gewwa l-Ingilterra qabel ma xtrahom, u dawn kienu jinsabu fi stat tajjeb u kien anki rahhom jahdmu. L-istess xhud ikkonferma illi l-magna in kwistjoni waslet Malta fuq *pallet* marbuta b'cintorin, u skond hu din hija sistema tajba bizzejjed ghat-trasport ta' tali merkanzija.

Illi minn-naha l-ohra, skond Olvin Galea li huwa l-Managing Director tas-socjeta' konvenuta Jet Services Limited, wara li l-magna waslet Malta, u fil-fatt anki wara li saret il-*claim* kontra taghha, s-socjeta' konvenuta saret taf minghand l-agenti taghha barra minn Malta illi l-magna in kwistjoni ma kenitx ippakkjata b'mod idoneju ghall-vjagg. Alavolja dan l-istess xhud jghid illi l-agenti tas-socjeta' konvenuta gewwa l-Ingilterra mill-ewwel indunaw li l-magna ma kenitx giet ippakkjata tajjeb ma hemm assolutament l-ebda prova ta' dan.

It-Tribunal josserva illi s-socjeta' konvenuta esebiet kopja ta' email mibghuta mill-agenti tas-socjeta' konvenuta lilhom stess fejn jinghad illi l-merkanzija ma kenitx ippakkjata u kienet bla protezzjoni. Din l-email pero hija datata 28 ta' Gunju 2005 u cioe izjed minn sitt xhur wara li gara l-incident, u ghalhekk ma hemm l-ebda prova li *a tempo vergine* , l-agenti barra minn Malta kienu kkummentaw fuq din il-kwistjoni jew li kienu avzaw lil xi hadd b'din il-problema. Tant hu hekk illi meta x-xhud Olvin Galea gie mistoqsi jekk kienx avza lill-klijent (u cioe s-socjeta' importatrici) li l-merkanzija ma kellhiex *packaging,* u rrisponda li ma jafx.

Illi ta’ min isemmi li l-email fuq imsemmi ma jikkontjeni xejn hlief rimarki maghmula mill-agenti barra minn Malta illi huma mhumiex ser jaccettaw ir-responsabbilta’ ghad-danni kkagunati. Ovvjament meta nkitbet l-email kienet diga’ saret il-claim ghall-hsarat u allura wiehed ghandu jistenna tentattiva ghat-tfarfir ta’ responsabbilta’.

Illi s-socjeta’ konvenuta ssostni wkoll li minhabba li kien hemm nuqqas ta’ *packaging*, hija ma hargitx *bill of lading* normali izda biss *express bill of lading* li tikkostitwixxi biss prova tax-shipment u xejn aktar.

Illi tenut kont ta’ dan kollu, t-Tribunal ser jghaddi sabiex jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet fid-dawl tal-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta.

Fl-ewwel lok, fit-tieni eccezzjoni taghha, s-socjeta’ konvenuta tikkontendi li gjaladarba l-merkanzija in kwistjoni kienet wahda uzata (*second hand*) kien jinkombi fuq is-socjeta’ attrici li tipprova li din kienet funzjonabbli qabel l-istess merkanzija giet Malta u ghalhekk prova ta’ spezzjoni antecedenti hija necessarja.

Illi t-Tribunal josserva li l-ispezzjoni antecedenti mitluba fil-fatt saret, ghaliex kif xehed car Richard Hall, hu flimkien mat-Technician tieghu kienu marru l-Ingilterra sabiex jaraw il-magni in kwistjoni qabel dawn ma nxtraw, u kienu rawhom jiffunzjonaw u jinhaddmu b’mod normali. Din ix-xhieda ma gietx kontradetta u ghalhekk t-Tribunal jidhirlu li prova ta’ tali spezzjoni fil-fatt saret.

Oltre dan, kif xehed u spjega b’mod car l-Inginier Arthur Tua, il-magni kienu fi stat tajjeb hafna alavolja kienu *second hand,* u jekk ma kienx ghad-daqqiet li kienet qalat wahda minnhom, din kienet tkun ghadha tiffunzjona ghaliex id-daqqiet

kienu l-kawza principali ghalfejn ma baqghetx tiffunzjona.

Ghalhekk peress illi gie ppruvat li l-magna in kwistjoni kienet funzjonabbli qabel ma ntbaghtet Malta, din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Fit-tieni lok, permezz tat-tielet eccezzjoni taghha, s-socjeta’ konvenuta tecepixxi li s-socjeta’ attrici kienet taf li l-imsemmija merkanzija ma gietx ippakkjata izda din sempliciment giet impoggija fuq il-vapur, u ghalhekk l-istess socjeta’ attrici kienet taf li l-merkanzija kienet miftuha minghajr ebda protezzjoni kif normalment isir.

Illi t-Tribunal josserva li ma ngabet l-ebda prova f’dan is-sens, u cioe ma hemm xejn li jindika li s-socjeta’ importatrici kienet taf li l-magna ma kenitx giet ippakkjata. L-email esebita fl-atti tal-kawza kif gja spjegat ma tikkostitwixxi l-ebda prova f’dan is-sens ghaliex intbaghtet ferm wara li giet spedita l-merkanzija.

Oltre dan jidher illi l-kwistjoni ta’ *packaging* hija ta’ rilevanza minima fil-kaz in ezami ghaliex l-merkanzija ma gietx danneggjata minhabba li ntlaqtet minn xi merkanzija ohra waqt li kienet fuq il-vapur, izda ghaliex qalat daqqiet serji ta’ *fork lifter*. Li kieku l-magna kienet koperta b’xi *plastic* jew kartuna, d-daqqiet tal-*fork lifter* xorta wahda kienu jkollhom l-istess impatt li kellhom fuq il-magna. Ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi fir-rigward tar-raba eccezzjoni li l-kumpanija attrici ma gabet l-ebda prova dwar il-hsarat li gew ikkawzati u dwar il-valur ta’ hsarat, jinghad li dan assolutament mhuwiex minnu ghaliex kif jinghad izjed ‘l fuq, is-socjeta’ attrici esebiet il-provi kollha dokumentarji fir-rigward tad-danni reklamati minnha, u spjegat ezattament li l-ammont kien imqassam f’*survey fees*, *invoices* tal-*parts* u

*labour*, kif ukoll l-*excess*. Dan iwassal biex din l-eccezzjoni tigi michuda.

Illi ma jidhirx li s-socjeta' konvenuta wetqet l-inkarigu taghha skond is-sengha u l-arti u skond l-istruzzjonijiet moghtija lilha kif eccepit minnha fil-hames eccezzjoni. Dan ghaliex jirrizulta li l-merkanzija ntlaqtet minn *fork lifter* waqt li kienet qed tingarr mis-socjeta' konvenuta. Kien proprju l-kompitu tas-socjeta' konvenuta li twassal tali merkanzija fi stat tajjeb jew almenu fl-istat li kienet qabel ma ngarret u dan ma sarx. Ghalhekk anki din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Fl-ahharnett fir-rigward tas-sitt eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta li l-kumpanija konvenuta m'hijiex il-legittima kontradittrici, ghandu jinghad li ma ngabet assolutament l-ebda prova f'dan is-sens u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milquagha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, u konsegwentement jilqa t-talba attrici billi jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici Citadel Insurance plc s-somma ta' tlett elef, mija u seba u tletin Ewro u disa u disghin centezmu (€3137.99) ekwivalenti ghal Lm1,347.14, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza inkluzi dawk tas-sententza datata 3 ta' April 2006 ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta."

L-ilment tas-socjeta` konvenuta fil-kontestazzjoni taghha ta' din is-sentenza hu fis-sens illi t-Tribunal injora <u>fejn</u> u <u>kif</u> sehhet il-hsara fil-merkanzija u, addizzjonalment, ma apprezzax kif kellu jkun in-nuqqas adegwat tal-*packaging* taghha;

Mhux il-kaz li l-Qorti toqghod tirreplika l-fatti sostanzjali ghaliex dawn huma sew imtennija fis-sentenza appellata. Tillimita ruhha biex tissottolineja illi tezisti l-prova tal-hsara fil-*printing machine* importata u li din il-hsara giet, fil-fehma tax-xhud l-Inginjier Anthony Tua (fol. 35), ipprokurata minn daqqiet friski u sostanzjali kompatibbli ma' l-uzu ta' *forklifter*. Bhala fatt ukoll tezisti l-accertazzjoni illi meta Richard Hall, rapprezentanti tas-socjeta` attrici assigurata Richard's Printing Press Limited mar biex jirtira dik il-magna mill-*bonded stores* tas-socjeta` konvenuta huwa nnota zejt hiereg minnha (ara xhieda tieghu a fol. 32 *et sequitur*). Ezami aktar approfondit mill-imsemmi Inginjier Tua stabilixxa l-ezistenza ta' "*external dents*" u numru ta' komponenti interni fi stat danneggjat (ara rapport tieghu a fol. 37);

Is-socjeta` konvenuta kienet responsabbli ghat-trasport ta' dik il-magna mill-Ingilterra ghal Malta u dan kien ifisser, in bazi ghall-fatti premessi accertati, illi kellu jkun prezunt illi l-hsara sehhet fil-kors ta' dak it-trasport, f'liema kaz, allura, kien jinkombi fuq is-socjeta` konvenuta appellanti li tipprova illi l-hsara grat ghal ragunijiet mhux imputabbli lilha. Dan hu hekk anke skond il-principju generali tad-dritt fl-Artikolu 1133 tal-Kodici Civili;

Premess dan, hu l-argument centrali tas-socjeta` appellanti illi una volta l-uzu b'*forklifter* isir f'diversi stadji ta' l-*iter* tat-trasport, kompriz il-karikazzjoni u l-iskarikazzjoni tal-merkanzija, il-hsara riskontrata setghet avverrat f'xi wahda minn dawn. Dejjem skond dan l-istess argoment, f'akkoppjament ma' dan hemm il-fatt ta' l-inadegwatezza ta' l-imballagg ta' l-istess merkanzija in konsegwenza ta' liema inharget Express Bill of Lading u mhux il-polza ta' kariku solita. Wiehed necessarjament jifhem illi s-sottomssjoni f'dan is-sens tirpoza fuq id-dikjarazzjoni tax-xhud Alvin Galea, rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta, fejn dan jesprimi ruhu illi skond l-agent esteru taghha l-magna ma kienetx ippakkjata tajjeb (fol. 58) u, fil-kuntest, b'dik il-polza specifika ta' kariku

mahruga ghal dik ir-raguni l-qaghda kienet wahda "*simply a proof of shipment*" (fol, 27) u xejn izjed minn hekk;

Fuq din l-osservazzjoni ta' l-ahhar jibda biex jigi rimarkat in linea generali illi, sa fejn hu maghruf, il-poloz tal-kariku ta' kwalsiasi forma jaghmlu "*prova della caricazione*" (ara "**Neg. Joseph Arrigo -vs- Neg. William J. Smith *nomine***", Appell Kummerjcali, 15 ta' Marzu, 1875), kif hekk, wara kollox, hu stabbilit mill-Artikolu 325 tal-Kodici tal-Kummerc u l-Artikolu 3 (4) tar-Hague Rules. Fil-prattika, u wkoll skond is-sens logiku u guridiku, dan ifisser mhux biss is-semplici prova tal-garr izda wkoll il-konsenja ta' l-oggett ittrasportat lil min hu hekk iddestinat u, dejjem, fl-istess kundizzjoni li fih tghabba. Dan skond it-termini ta' l-istess poloz;

Issa fil-kaz prezenti l-polza relattiva (fol. 12) tinkludi bhala wahda mit-termini taghha illi l-merkanzija *de quo* giet ricevuta abbord il-vapur "*in apparent good order and condition*". Li jfisser, skond gurisprudenza pacifika, illi fejn kondizzjoni bhal din tkun hekk inkorporata f'polza tezisti *prima facie* l-prova li l-merkanzija imsemmi fiha giet karigata f'kondizzjoni tajba, f'liema eventwalita hu mistenni b'obbligu li l-istess tigi skarikata f'dik l-istess kondizzjoni tajba. Ara fost ohrajn "**Wilfred Mamo *et nomine* -vs- Paul Mifsud *et nomine***", Appell Kummercjali, 5 ta' Gunju 1987 u "**L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino *nomine* -vs- L-Avukat Dottor Pierre Lofaro *et nomine***", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999 u "**Makaw Limited -vs- Sea Malta Co. Ltd**", Appell Inferjuri, 10 ta' Ottubru, 2005. Gja qabel dawn kien inghad illi "*il rilascio di una polizza di carico nella quale la merce viene descritta come apparentemente in buona condizione, mentre tale non è, rende il vapore responsabile della perdita di fronte al ricevitore ...*" ("**Negte. Alfredo Nicosia *nomine* -vs- Negte. Reginald Smith *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 11 ta' Jannar, 1921). Naturalment jezistu sitwazzjonijiet fejn b'dik il-kondizzjoni b'kollox, la l-istat u l-kondizzjoni tal-merkanzija ma tkunx tista' tigi facilment verifikata mill-vapur, il-kondizzjoni accennata ma twassalx

bilfors ghall-fatt biss ta’ l-inseriment taghha fil-polza, ghall-htija fil-vettur. Dan ad ezempju fil-kaz fejn il-merkanzija tkun stivata *f’container* issigillat u l-polza tkun ukoll tikkontjeni r-rimarka “*Said to Contain*”. Ara b’ezemplari s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tas-7 ta’ Ottubru, 1997 fl-ismijiet “**Avv. Dr. Giovanni Griscti *nomine* -vs- Chev. Silvio Mifsud *et nomine***”. Dan hawnhekk ma huwiex il-kaz u, konsegwentement, la darba l-merkanzija tghabbiet f’dik il-kondizzjoni apparentement tajba l-istadji fokali ta’ meta tghabbiet *b’forklifter* minn fejn inxtrat jew biex tnizzlet fil-port ta’ spedizzjoni u regghet tghabbiet fuq il-vapur u ghal liema taccenna s-socjeta` appellanti bl-appell taghha, huma certament eskluzi. Dan tant ghal dik ir-raguni kif ukoll ghall-fatt illi s-socjeta` appellanti ma gabetx il-prova kuntrarja illi l-magna kienet diga fi stat danneggjat meta tghabbiet fuq il-vapur. Prova din ta’ hsara li ankorke wiehed kellu jaccetta b’asserzjoni valida l-istat inadegwat tal-*packing* tal-magna setghet ukoll, kieku verament kienet tezisti hsara fil-waqt tat-taghbija, tigi visibilment ikkonstatata. Jekk xejn, almenu, fir-rigward tad-daqqiet esterni;

Hemm imbaghad fil-fehma tal-Qorti konsiderazzjoni ohra li trid issir. Jekk tabilhaqq, kif ritenut, l-imballagg tal-magna kien inadegwat jew, ukoll, kien sospett illi l-magna kienet diga danneggjata, ghaliex, fil-mument tat-taghbija taghha, il-polza ma gietx emendata biex tinkludi bhala rimarka illi l-vettur kien qed jezimi ruhu mir-responsabilita` ghal dik ir-raguni stabbilita jew sospetta. La dan ma sarx, l-ebda konsiderazzjoni ma tista’ ragonevolment tinghata lill-affermazzjoni illi fl-istanza ta’ l-iskarikar tal-magna minn abbord “diga kien hemm il-hsara”. Il-probabilita` anzi tissuggerixxi illi l-kontra hu l-kaz u li l-istat dannuz riskontrat kellu n-ness kawzali tieghu proprju mal-process ta’ l-iskarikar minn abbord jew ossija ghal fuq ir-rampa tal-*bonded store*. B’zieda ma’ dan ikkunsidrat hi wkoll l-opinjoni ta’ din il-Qorti b’akkoljiment tal-veduta tat-Tribunal illi l-imballagg *per se* ma kienx jinfluwixxi fuq il-fattur dannu ghaliex il-magna kellha jew ma kellhiex *packaging* adegwat, xorta wahda bl-uzu inidoneju tal-*fork lifter* kienet iggarrab il-hsara li fil-fatt irrizultat. Anke fuq dan l-aspett

tal-kwestjoni l-Qorti wara ezami tal-provi prodotti ma ssibx lanqas illi s-socjeta` appellanti pprovat illi x-xorta ta' imballagg seta' kkontribwixxa ghall-hsarat verifikati;

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ssibha difficli biex tiskarika l-fehmiet espressi mit-Tribunal fis-sentenza appellata u li taccetta implicitament dak kollu sottomess mis-socjeta` appellanti permezz tax-xhieda tar-rapprezentanti taghha u bl-argomenti minnha sottoposti bl-appell odjern.

Ghal motivi dedotti u dawk l-ohra tat-Tribunal il-Qorti qeghda tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fit-totalita` taghha, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------